

32005R2186

L 347/74

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.12.2005

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2186/2005****tas-27 ta' Diċembru 2005****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 936/97 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata u għal-laħam tal-buflu ffriżat**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IL-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

*Artikolu 1*

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 2005/959/KE tal-21 ta' Diċembru 2005 dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet fil-forma ta' Skambju ta' Itri bejn il-Komunità Ewropea u l-Ġappun u bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu <sup>(1)</sup>,

Ir-Regolament (KE) Nru 936/97 hu emendat kif ġej:

Billi:

1. L-Artikolu 1(1) hu emendat kif ġej:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 936/97 <sup>(2)</sup> jipprovdi għall-ftuħ u l-amministrazzjoni, fuq bażi multiannwali, ta' għadd ta' kwoti ta' ċanga ta' kwalità għolja.

(a) fl-ewwel inċiż tal-ewwel subparagrafu, "59 100 tunnellata" tiġi ssostitwita b' "60 100 tunnellata";

(b) it-tieni subparagrafu hu ssostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, il-volum totali ta' kwoti ta' tariffa għandu jkun ta' 59 600 tunnellata fis-sena ta' importazzjoni 2005/2006."

(2) Bħala riżultat tan-negozjati bejn il-Komunità u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 għall-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja waqt l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea, il-Komunità qablet li tinkorpora fl-iskeda tagħha għall-Istati Membri kollha żieda ta' 1 000 tunnellata ta' kwota tat-tariffa annwali ta' importazzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja.

2. Fl-Artikolu 2, il-punt (e) hu emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, "300 tunnellata" tiġi ssostitwita b'"1 300 tunnellata";

(b) jiżdied it-tielet subparagrafu li ġej:

"Madankollu, għas-sena ta' importazzjoni 2005/2006 il-kwota tat-tariffa għandha tkun ta' 800 tunnellata piż tal-prodott għal dak il-laħam li jikkorrispondi mal-kodiċi NM u d-definizzjoni msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi."

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 936/97 għandu jiġi emendat f'dan is-sens.

*Artikolu 2*

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Laħam taċ-Ċanga u l-Vitella,

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Kummissjoni*  
Mariann FISCHER BOEL  
*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> Ara p. 78 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(2)</sup> ĠU L 137, 28.5.1997, p. 10. Ir-Regolament kif ġie emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1118/2004 (ĠU L 217, 17.6.2004, p. 10).